FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 9 TA' SETTEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Paula Ciantar

vs

Shawn Barbara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 375085m akkuzat talli;

1. fil-fond Bastion view BLK A, Flat 5, Triq Vincenzo Maculano, Fgura, nhar il-15 ta' Awissu 2015 bejn 10:00hrs u 14:00hrs ikkaguna lil martu Stephanie Barbara biza' li ser tintuza vjolenza fuqha jew ikkagunat lill-istess Stephanie Barbara allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum tal-istess Shawn Barbara u dan bi ksur tal-Artikoli 251BA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Stephanie Barbara u lil Chenille Bartolo jibzghu li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Stephanie Barbara hekk kif iccertifikata mit-tabib Dr.Jean Paul Camilleri Med.Reg. 3471 u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel offiza lil martu Stephanie Barbara, bi zball jew b'accident, ghamel offiza ta' natura hafifa lill-persuni minuri ta' Chenille Bartolo u Shirley Barbara, persuni msemmijin fis-subartikolu 222(1)(a) tal-Kap 9, hekk kif iccertifikaw Dr.Jean Paul Camilleri Med.Reg. 3471 u Dr.Patrick Galea Med.Reg. 3481, u dan bi ksur tal-Art 221(1) u 222(2) tal-Kap 9;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta lil Stephanie Barbara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel, naqas milli izomm maqfula b'mod sigur u separat f'dak il-fond skond il-licenzja tal-armi tan-nar u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fiz-zminijiet ta' qabel, bhala persuna li ghandu fil-pussess tieghu xi arma regolari jew munizzjon u li ghandu jzomm dawk l-oggetti fil-kustodja tieghu b'tali mod li dawn ma jigux f'idejn haddiehor, naqas milli jaghmel dan u dan bi ksur tal-Artikolu 47 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat l-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikoli 251BA, 251B, 221, 339(1)(e) tal-Kap 9 u l-Artikoli 5(3) u 47 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah multa ta' €330 pagabli 35 mensili bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' Settembru 2015.

Il-Qorti spjegat ir-responsabilitajiet tieghu skond il-Ligi.

A.M.Trigona

Magistrat